Minuti tal-Laqgħa Nru. 24 tas-Sitt Kunsill Lokali ta’ Ħal Luqa li saret fis-Sala Parrokkjali nhar l-Ġimgħa, 14 ta’ Marzu 2014 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sinjorina. Christina Sammut |
| Skużat | Is-Sur. Christian Falzon |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Attivitajiet ta matul żmien ir-Randan
5. Jum Ħal Luqa
6. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvati.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana semma li fuq it-tabella tat-tow zone li kien hemm fi Triq il-Karmnu din kien qalgħaha l-bennej u dan kien kellmu biex jerga jinstallaha fil-post. Is-Sindku appella biex nerġgħu nkellmuh sabiex dan jaqbad u jagħmilha.

2.2 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuq il-U-Bar li kellha issir fejn hemm l-OK Bar. Is-Sindku semma li din l-issue se tkun tackled billi konna impenjatti b affarijiet oħra.

2.3 Is-Segretarju talab lis-Sindku biex jkun jista jirrispondi fuq l-item tal-performance bonus lill-Kunsillier Joe Camilleri. Is-Segretarju ressaq lista tal-interventi relatatti ma xogħol li kien għamel waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Is-Segretarju qal li fuq dawn l-interventi kienet dejjem ittieħdet azzjoni u mhux kif intqal waqt il-laqgħa preċedenti.

2.4 Il-Kunsillier Camilleri semma li huwa mhux fuq dan ir-rigward kien qed jgħid imma billi qatt ma jkun ippreżentat rendikont tad-dħul u infiq mis-Segretarju. Is-Segretarju irrisponda li dan ikun ippreżentat żgur darba fis-sena meta jkunu ippreżentati l-financial statements. Is-Sindku semma li jista jsir meżż biex jibda jinħareġ rendikont tad-dħul li jkollu l-Kunsill Lokali u jingħata lill-Kunsilliera.

2.5 Il-Kunsilliera Sammut semmiet li r-raġunijiet tagħha kienu rigward dakinhar fejn ma setax jinfetħa il-bieb għal korisjiet tal-computer fejn is-Segretarju wieġeb li fuq din ir-raġuni huwa kien irrisponda dakinhar stess waqt il-laqgħa ta qabel. Ir-raġuni l-oħra kienet minħabba tal-premjazzjoni tal-iskola fejn hija ma kinitx infurmata. Is-Segretarju hawn qal li huwa assenja parti mill-istaff fuq dan l-inkarigu.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma fuq il-ħajt fejn hemm in-Ninja Store billi fejn l-għalqa m' hemmx ħajt preżenti. Is-Segretarju semma li huwa infurmat minn naħa tal-Perit li dan il-ħajt se jittella billi kellu telefonata mill-Perit Mariello Spiteri.

3.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-kwistjoni tas-soft areas billi qed jkun hemm bżonn kbir ta manutenzjoni ta dawn iż-żoni. Is-Sindku semma li bħalissa qed nistennew biex l-ewwel fażi tal-proġett ta' Ħal Farruġ imbagħad minn hemm niddiskutu l-possibilta li jkun hemm tenders.

3.3 Is-Sindku ressaq talba li saret biex ikun hemm mafkar fi Triq Ħal Farruġ għall dik il-persuna li kienet mietet wara li kien hemm inċident stradali. Is-Sindku qal li fuq din it-talba għandu jintalab approvazzjoni mill-MEPA.

3.4 Il-Kunsilliera Sammut saqsiet fuq id-dawl ta Triq Ħal Farruġ. Is-Sindku semma li din hija triq distributorja u għalhekk saru diversi talbiet mal-entitajiet konċernati biex isir id-dawl.

3.5 Is-Sindku qara email li waslet fuq kors li se jsir apposta biex jkun ta gwida għal manutenzjoni t djar qodma.

3.6 Is-Sindku qara email oħra li waslet fuq seminar li se jkun organiżżat mir-Reġjun Nofsinhar fuq l-irwol tal-Parlament Ewropew. Huwa stieden lill dawk interessati sabiex jkunu jistgħu jattendu għal dan is-seminar.

3.7 Is-Sindku ippreżenta invit li wasal minn naħa tal-NSTF fuq premjazzjoni li fiha se jkun hemm ukoll tfal mill-lokalita ta' Ħal Luqa. Is-Sindku assenja lill-Kunsilliera Sammut biex tkun tista tmur minfloku għal premjazzjoni peress li huwa ma jistax jattendi minħabba impennji oħra.

3.8 Is-Sindku ippreżenta email oħra li waslet mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa biex jkunu jistgħu jiġu organiżżati ħarġiet kulturali ġewwa l-Mellieħa.

## 4.0 ATTIVITAJIET TA' MATUL ŻMIEN IR-RANDAN

4.1 Is-Sindku semma li fl-okkażżjoni tal-Ġimgħa l-Kbira se terġa tiġi organiżżata l-wirja tal-vari kif kienet organiżżata s-sena l-oħra.

4.2 Is-Sindku semma wkoll li se jkun hemm inizjattiva biex jkunu ippubblikati leaflets li jagħtu informazzjoni fuq il-wirjiet u attivitajiet oħrajn li qed ikunu organiżżati.

## 5.0 JUM ĦAL LUQA

5.1 Is-Sindku semma li fuq l-applikazzjoni biex tkun organiżżata attivita iffinanzjata minn fondi Ewropej kien hemm appell li fil-ġurnata ta qabel kien hemm trattazzjoni li fiha nstemgħu l-partijiet li għamlu l-appell. Huwa semma li issa jonqos li jkun hemm seduta oħra ta dan l-appell u minn hemmhekk tkun tista tittieħed deċiżjoni.

5.2 Il-Kunsilliera Massa semmiet li fl-okkażżjoni ta Jum Ħal Luqa issir ħarġa għal persuni f' diżabilta. Is-Sindku qal biex din tkun organiżżata.

5.3 Il-Kunsillier Camilleri semma biex f' din l-okkażżjoni ikun hemm tournament tal-football kif kien hemm is-snin ta qabel organiżżat mill-Kunsill Lokali flimkien mal-Luqa St. Andrew's FC. Is-Sindku qal lill-Kunsillier Camilleri biex jieħu ħsieb jikkordina.

5.3 Il-Kunsilliera Sammut qalet li kien hemm tifla avviċinata sabiex tieħu sehem fl-attivita li se jkunu qed itellgħu Skene fl-okkażżjoni ta Jum Ħal Luqa. Is-Sindku qallha li tista tkellem lill-Skene mill-ewwel jew tgħaddi d-dettalji tagħha lill-kordinaturi.

5.4 Is-Sindku appella lill-Kunsillier Caruana sabiex jikkordina u titella' wirja tal-vintage cars waqt din l-okkażżjoni.

## 6.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

6.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa kif il-kont tal-petrol fuq il-vann tal-Kunsill qed jitla daqshekk. Is-Segretarju qal li l-vann qed ikun hemm ħafna vjaġġi isiru bih sabiex jintrema l-iskart. Il-Kunsillier Caruana qal li l-ammont huwa xorta għoli. Huwa qal li se jkun qed jastjeni fuq il-pagament tal-fuel lill-vann.

6.2 Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa se jkun qed jastjeni fuq il-performance bonus tas-Segretarju billi huwa kien kontra li dan għandu jingħata l-performance bonus.

Ma kienx hemm items oħra fuq l-aġenda li kellhom jiġu diskussi, għalhekk din ġiet eżawrita. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ġimgħa 14 ta' Marzu 2014 fis-6.15 pm. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2014.

______________________ John Schembri, Sindku

______________________ Michael Portelli, Segretarju Eżekuttiv